

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrent dwar l-impossibbiltà li tingħatalu offerta ta' impieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċċad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrent li ma setax joffrili impieg permanenti kif ukoll id-deċiżjoni dwar l-ilment, tas-7 ta' Jannar 2009 li kkonstatat bħala infondati l-oġġezzjoni jiet li r-rikorrent ressaq kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008;
- tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Goddijn vs Europol

(Kawża F-39/09)

(2009/C 167/53)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Jacqueline Goddijn (Breda, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti dwar l-impossibbiltà li ssirilha offerta ta' impieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċċad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrenti li ma setax joffrili impieg permanenti kif ukoll id-deċiżjoni dwar l-ilment, tas-7 ta' Jannar 2009, li kkonstatat bħala infondati l-oġġezzjoni jiet li r-rikorrenti ressqt kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008;
- tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2009 — Wendler vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-49/09)

(2009/C 167/54)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Eberhard Wendler (Lavino Mombellom, l-Italja) (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

L-annullament tal-obbligu impost fuq ir-rikorrent mill-konvenuta li jindika kont bankarju fil-post ta' residenza tiegħu fl-Italja għall-finijiet tal-ħlas tal-pensjoni tiegħu.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-konvenuta fid-9 ta' Settembru 2008, fil-forma ta' ċaħda tal-ilment magħmul mir-rikorrent fid-19 ta' Frar 2008, li tiprovvdi li dan tal-aħħar għandu jindika kont bankarju fil-post ta' residenza tiegħu għall-finijiet tal-ħlas tal-pensjoni tiegħu.
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2009 — Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-50/09)

(2009/C 167/55)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Livio Missir Mamachi di Lusignano (Kerkhove-Avelgem, il-Belgu) (rappreżentanti: F. Di Gianni, R. Antonini, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Talba għall-kumpens għad-danni morali u materjali li jirriżultaw mill-qtıl ta' uffiċjal tal-Kummissjoni u tal-mara tiegħu.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-3 ta' Frar 2009, li tiċċad l-ilment Nru R/406/08 rigward talba għall-kumpens għad-danni morali u materjali li jirriżultaw mill-qtıl ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano u tal-mara

- tiegħu, li sar fit-18 ta' Settembru 2006 f'Rabat, il-Marokk, fejn huwa kien jinsab minħabba raġunijiet ta' servizz;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, favur l-eredi u l-aventi kawża ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano, tas-somma ta' EUR 2 552 837,96 li tikkorrispondi għal 26 sena ta' ħlas tal-paga tal-uffiċjal maqtul, li għandha terġa' tiġi vvalutata skont il-prospetti tal-karriera tal-uffiċjal (kemm firrigward ta' ħlas awtomatiku kif ukoll għal promozzjonijiet possibbli fil-grad), bħala kumpens għad-dannu patrimonjali;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, favur l-eredi legit-timi u l-aventi kawża ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano, tas-somma ta' EUR 250 000,00, bħala kumpens għad-dannu mhux patrimonjali li sofra l-vittma qabel ma miet;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, favur l-eredi legit-timi u l-aventi kawża ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano, tas-somma ta' EUR 1 276 512,00, bħala kumpens għad-dannu mhux patrimonjali li sofrew fil-kwalitā ta' tlied il-vittma u xhieda tal-qtil traġiku tiegħu;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, favur Livio Missir Mamachi di Lusignano, tas-somma ta' EUR 212 752,00 bħala kumpens għad-dannu mhux patrimonjali mġarrab minnu bħala missier il-vittma;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-interessi kumpensatorji u tal-interessi moratorji li sadanittant ikunu laħqu immaturaw;
 - tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.
-

Rikors ippreżzentat fl-20 ta' Mejju 2009 — Lebedef vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-54/09)

(2009/C 167/56)

Lingwa tal-kawża; Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Giorgio Lebedef (Senningerberg, il-Lussemburgo) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitatiet Ewropej

Suġġett u deskriżzjoni tal-kawża

L-annullament ta' deċiżjonijiet varji dwar it-tnaqqis ta' 39 jum mill-ġranet ta' leave tar-rikorrent għas-sena 2008.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjonijiet tat-12 ta' Frar 2008, tal-1 ta' April 2008, tal-10 ta' April 2008, tal-20 ta' Mejju 2008 u tal-14 ta' Lulju 2008 dwar it-tnaqqis ta' 39 jum mill-ġranet ta' leave tar-rikorrent għas-sena 2008;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitatiet Ewropej għall-ispejjeż.
-